MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 866/1999/1

**George Abela u martu Ludgarda ghall kull interess li jista'jkollha**

**Vs**

**Awtorita' Marittima**
**u**
**General Workers Union**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Ili l-attur sal-1987 kien id-detentur ta' licenzja komunament maghrufa bhala tal-irfus, bis-sahha ta' liema licenzja kien jahdem fil-port;

Premess illi l-attur irtira minn dan ix-xoghol fl-1987;

Premess illi xi zmien ilu, skopra li permezz ta' Ftehim Kollettiv li gie ffirmat fit-22 ta' Ottubru, 1992 bejn l-Awtorita' konvenuta u l-General Workers' Union bi klawsola 4, dawk il-haddiema li kienu licenzjati bhala haddiema tal-port fid-data ta' dak il-Ftehim inghatalhom id-dritt li x-xoghol jintiret ghal darba wahda biss;

Premess illi fid-data ta' meta rtira l-attur, li kien licenzjat bhala *port-worker*, hu qatt ma rrinunzja ghal dan id-dritt, li dakinhar kien diga' juzufruwixxi minnu *port-workers* ohrajn;

Premess illi l-attur diversi drabi talab lill-Awtorita' koncernata tirrikonoxxi li huwa ghandu dritt li xoghlu jintiret ghal darba wahda biss;

Premess illi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, l-Awtorita' konvenuta cahdet it-talbiet ta' l-attur;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara li l-attur ghad ghandu d-dritt li xoghlu jintiret ghal darba wahda biss, liema dritt jidderiva mill-fatt li fil-mument li rtira hu kien licenzjat bhala *port-worker* komunament maghruf bl-irfis.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita Marittima a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:**

Fl-ewwel lok George Abela, skond ir-Regolamenti tal-Port, 1966 u kif sussegwentament gew emendati, ma jikkwalifikax sabiex ix-xoghol tieghu jintiret;

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-permess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-Awtorita' Marittima u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda;

Salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat in**-nota tal-eccezzjonijiet tal-konventa General Workers Union a fol. 14 tal-process fejn eccepiet**:

1. Illi l-ecipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur peress illi dak li qieghed jintalab mill-atturi m'huwiex dipendenti mill-eccipjenti u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju,

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat il-verbal a fol. 126;

**TALBA**

L-attur qed jikkontendi li hu ghandu d-dritt li xoghlu jintiret ghal darba wahda biss, liema dritt jidderiva mill-fatt li fil-mument li rtira hu kien licenzjat bhala *port-worker ta' l-*irfis. Il-konvenuti Awtorita Marittima qed teccepixxi li skond ir-Regolamenti tal-Port, 1966 u kif sussegwentament emendati, l-attur ma jikkwalifikax sabiex ix-xoghol tieghu jintiret, mentri l-konvenuti GWU qed jeccepixxu illi dak li qieghed jintalab ma jiddependiex minnhom u ghalhekk mhumiex il-leggittimi kontradditturi.

**KONTESTAZZJONI**

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar jekk meta l-attur irtira mix-xoghol fil-1987 hu kellux id-dritt li l-licenzja tieghu tintiret.

L-attur qed isostni li qabel il-1975 il-licenzja kienet tintiret u ghalhekk fil-1987 meta spicca mix-xoghol dan id-dritt kwezit li kellu ma setghax jittiehdlu minghajr kunsens tieghu.

Il-konvenuti Awtorita Marittima jirritjenu li skond ir-Regolamenti tal-Port tal- 1966 kif emendati ma jikkwalifikawx lill attur biex ix-xoghol tieghu jintiret.

**FATTI**

Jirrizulta mill-provi li

Sal-1975 il-licenzja ta' l-irfus kienet tintiret.
Fil-1975 is-sistema ta' l-irfus spiccat (Emendi ghall Reg. tal Port 1966).
L-attur irtira mix-xoghol fin 1987 meta l-licenzja ma kinitx tintiret.
Fil-1992 sar ftehim kollettiv iffirmat bejn il-GWU u l-Awtorita' konvenuta li bih l-wirt tal-licenzji ta' l-irfus rega nfetah ghal darba wahda biss (ara fol. 11-12) biss sehh minn meta bdew id-diskussjonijiet mal-Union cjoe mis-17 ta' Settembru 1990.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jirrizulta mill provi li meta l-attur irtira mix-xoghol fil-1987 l-licenzja ta' l-irfus ma kinitx tintiret billi dina kienet spiccat fin 1975.

Il-ftehim kollettiv li ntlahaq bejn il-GWU u l-Awtorita' konvenuta fuq referit ma kienx jahseb biex ikun *backdated* ghaz zmien meta spicca mix-xoghol l-attur imma ghad data specifika ta' Settembru 1990.

Frank Calleja, u xhieda ohra prodotti mill-konvenuti jikkonfermaw li ghal dawk kollha li irtiraw qabel is-17 ta' Settembru 1990 l-licenzja kienet spiccat ma l-itirar taghhom.

L-attur qed jikkontendi li fil-1987 meta spicca mix-xoghol kellu dritt kwezit li ma setghax jittiehdlu minghajr kunsens tieghu. Fil-fatt fil-1987 meta l-attur spicca mix-xoghol l-licenzja ma kinitx tintiret billi kienet spiccat fil-1975. Inoltre jirrizulta li meta l-GWU innegozjat il-ftehim fil-1992 hija kienet qed tirrapprezenta l-interessi tal-haddiema tal-port, inkluz l-attur, u kellha ghalhekk l-awtorita (u l-kunsens ta' l-attur) biex tinnegozja ghalihom dan il-ftehim. Ma jirrizultax li l-attur ikkkontesta li l-konvenuti jaghmlu dana.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta' l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------